L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2025

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	I
DATA:	29 ta' Awwissu 2025
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m.

Il-Lingwa u l-Lingwistika

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA

Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.

1. Waqt li ħafna jqisu l-industrija tal-kostruzzjoni bħala mutur importanti fl-ekonomija ta' pajjiżna, oħrajn jarawha bħala mostru li qed jeqred l-ambjent rurali u urban. Iddiskuti.

JEW

2. Fi żmienna sirna konxji aktar minn qatt qabel dwar il-ħtieġa li nibżgħu għas-saħħa mentali tagħna u li ma niddejqux infittxu l-għajnuna jekk inkunu neħtiġuha. Fl-istess ħin, għadna ma ħlisniex għalkollox mill-istigma li xi drabi jġibu magħhom problemi ta' stress, ansjetà, dipressjoni u solitudni. Iddiskuti.

JEW

3. Soċjetà li tixtieq teżisti fis-sliem trid issib mod kif twitti d-differenzi fi ħdanha jew aħjar tużahom b'mod kostruttiv. It-tolleranza hija l-ewwel pass f'din id-direzzjoni. Iddiskuti.

JEW

4. Il-libertà tal-espressjoni hija dritt fundamentali tal-bniedem, imma spiss insibuha bi tqila li niddibattu l-argumenti u minflok noħduha kontra min jgħidhom. Barra minn hekk, meta nesprimu ruħna b'mod irresponsabbli, inkunu qed nabbużaw minn dan il-jedd. Il-midja soċjali hija eżempju klassiku ta' dan. Taħseb li s-soċjetà Maltija hija edukata biżżejjed f'dan ir-rigward? Iddiskuti.

(Total: 20 marka)

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TAQSIMA B: IL-QARI

Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Tul is-sekli l-arti dejjem qajmet rabja u frustrazzjoni, speċjalment fiċ-ċrieki tal-poter. Dan mhuwiex biss fattur fl-arti moderna u kontemporanja. Jekk taqbad ktieb serju tal-istorja tal-arti ssib li l-iskandlu tal-arti huwa rikorrenti. L-arti hija attività intrinsikament skandalistika. Tipprovoka mhux b'kapriċċ imma bi dmir. Hija għażla umana. (par. 1)

Wara kollox kull twemmin, ħsieb u espressjoni huma provokatorji, ibda minn dawk ta' natura ta' fidi u konvinzjoni. X'hemm differenti bejn il-ħajja tal-qaddisa li tipprovoka r-rabja tal-ġerarkija tal-Knisja u l-artista li tagħmel l-istess? Insejnieha lil Jeanne d'Arc, li wara li ħarquha fil-misraħ, għamluha qaddisa u patruna ta' Franza? Lil Ġwanni tas-Salib, poeta u mistiku Spanjol li, wara li spiċċa f'ħabs ta' kunvent mixli b'ereżjarka, illum Duttur tal-Knisja? M'hemmx element artistiku fl-iskandlu ta' tant figuri provokatorji li għadhom jispirawna sal-lum, anke fl-istess tradizzjonijiet reliġjużi li llum bħal iridu jinsew l-istorja li ffurmatna lkoll fit-tradizzjonijiet tagħna? (par. 2)

Ħafna drabi, dak li ssib fl-istorja tal-arti huwa selettiv u l-punt tal-istudju tal-arti, iktar minn qatt qabel, huwa li tipprova tifhem għaliex elementi bħall-klassi soċjali, il-ġeneru, is-sesswalità, it-twemmin innifsu u ħafna oħrajn tħallew barra mill-kanonu tal-arti. Pereżempju, għaliex fl-istorja tal-arti ssib ftit nisa u ħafna rġiel? Kienu jgħidulna li n-nisa mhumiex artisti. Mhu vera xejn. Fil-fatt nafu li kien hemm nisa artisti imma dawn spiċċaw minsija intenzjonalment. Biex ma nsemmux is-sesswalità ta' artisti li, meta nippruvaw nifhmu l-arti tagħhom, ninjorawha għax malajr tiskomoda lil xi ħadd. (par. 3)

L-istess fejn tidħol ir-razza jew il-kultura. Meta tradizzjonijiet artistiċi Afrikani uAżjatiċi kienu ta' influwenza ċentrali fuq l-arti Ewropea, għal sekli sħaħ dawn l-influwenzi ma kinux rikonoxxuti fl-Ewropa ħlief f'kotba li ma kontx issibhom fuq il-bankijiet tal-iskola jew fl-akkademja. U ma ninsewx l-approprijazzjoni tal-arti pagana fil-knejjes u l-imqades Insara. Illum ħafna ma jridux jagħrfu l-fatt li l-paganiżmu kien fattur u karattru ċentrali fl-evoluzzjoni tal-ikonografija Nisranija. (par. 4)

Il-filosfu Taljan Benedetto Croce kiteb li "Għall-mistoqsija 'X'inhi l-arti?' tista' twieġeb b'ċajta li 'L-arti hija dik li kulħadd jaf x'inhi.'" Huwa insista li jekk tqatta' ħajtek tipprova tifhem x'inhi l-arti, issib li min jagħmel il-mistoqsija 'X'inhi l-arti?' qed jimplika li jaf it-tweġiba. Iċ-ċajta hawn mhijiex fuq l-arti imma fuq min jinsisti li jaf x'inhi. Hija ċajta serja għax turi kemm il-mistoqsija fl-aħħar mill-aħħar hija rifless ta' dak li lkoll ninsistu dwaru: l-għarfien tagħna ta' għemil li fih innifsu jibqa' miftuħ għal aktar interpretazzjoni, u li din l-interpretazzjoni nnifisha għandha rwol importanti fil-qawsalla ta' dak li jagħmel l-arti. U hawn il-qawsalla mhix biss simbolu ta' diversità infinita imma wkoll tar-refrazzjoni tad-dawl li minnha l-ilwien narawhom anke meta dawn, bħall-arti, la huma tanġibbli u wisq inqas kwantifikabbli. (par. 5)

Għandna mnejn nistaqsu: "Allura fejn tidħol l-arti, kulħadd jifhem?" u forsi wkoll, "U allura kulħadd għandu raġun?" Croce jgħid li jekk ma rridux xi jħammrilna wiċċna meta nippruvaw nuru li skoprejna l-univers b'xi definizzjoni 'ġdida' tal-arti, aħjar nistaqsu x'mhijiex l-arti u minn hemm naraw x'nitgħallmu minn diskussjonijiet bħal dawn. (par. 6)

Ir-reazzjoni kważi isterika għaċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Olimpjadi f'Pariġi, meta nqalgħu rwiefen ta' kritika u kontrokritika dwar dik l-imbierka "Bakkanalja" li ħafna dehrilhom li kienet parodija ta' "L-Aħħar Ċena" ta' Leonardo da Vinci, fakkritni fiċ-ċajta ta' Croce. L-għarfien li lkoll ngħidu li għandna rigward l-arti jaf isir velenuż. Għax lil hinn mis-suġġett u l-allegat 'insult' li ħafna Nsara raw f'dik il-"Bakkanalja", hemm ukoll argument ieħor: "Din mhijiex arti!" ħafna werżqu. Meta tisma' hekk, tinduna li r-rabja ta' dawk li qed jinsistu li qed jagħmlu xi argument estetiku, fil-fatt hija rifless ta' ħafna elementi oħrajn. Meta jistaqsu "X'inhi arti?" ikunu qed jgħidulek li "L-arti għandha tkun hekk u hekk biss!" (par. 7)

Dak li rajna ħiereġ fil-beraħ kien li ħafna jridu jaraw biss il-qawsalla umana b'mod artifiċjali skont ma jaqbel lilhom u lill-preġudizzji tagħhom. Dawn in-nies huma inklussivi sakemm jintgħoġbu minn kulħadd – forsi għal raġunijiet utilitarji, kummerċjali jew anke politiċi – imma fil-verità ma jridux jafu bid-diversità meta jiġu għal dik li għalihom tibqa' skomda wisq: ir-realtà umana. Għal uħud, l-arti qiegħda biss biex tħallihom komdi u biex isservi l-privileġġi li dejjem gawdew. Meta r-realtà tiskomodahom, tarahom joħorġu b'kull għamla ta' fatwa kulturali u morali immaġinabbli fuq kull min ma jaqbilx magħhom. (par. 8)

(Addattata minn "L-arti u lil hinn minnha" ta' John Baldacchino, li deher fis-sit illum.com.mt *fis-7 t'Awwissu 2024.*)

Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Fil-qofol tagħha, din is-silta tittratta dwar:
   a. iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Olimpjadi ta' Pariġi.
   b. Benedetto Croce.
   ċ. kif l-arti tisfida lis-soċjetà.
   d. l-artisti nisa.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba. (4)

   a. Il-kelma **intrinsikament** fis-sentenza: "L-arti hija attività intrinsikament skandalistika." (par. 1) tfisser:
      i. għalkollox
      ii. ftit jew wisq
      iii. minnha nnifisha
      iv. awtentikament

   b. Il-kelma **provokatorji** fis-sentenza: "M'hemmx element artistiku fl-iskandlu ta' tant figuri provokatorji li għadhom jispirawna sal-lum, anke fl-istess tradizzjonijiet reliġjużi li llum bħal iridu jinsew l-istorja li ffurmatna lkoll fit-tradizzjonijiet tagħna?" (par. 2) tfisser:
      i. skandalużi
      ii. jisfidaw il-ħsieb
      iii. jiġbdu stmerrija
      iv. karikaturali

   ċ. L-espressjoni idjomatika **jħammrilna wiċċna** fis-sentenza: "Croce jgħid li jekk ma rridux xi jħammrilna wiċċna meta nippruvaw nuru li skoprejna l-univers b'xi definizzjoni 'ġdida' tal-arti, aħjar nistaqsu x'mhijiex l-arti u minn hemm naraw x'nitgħallmu minn diskussjonijiet bħal dawn." (par. 6) tfisser:
      i. jirrabjana
      ii. jaqbadna fuq sieq waħda
      iii. jġegħilna nistħu
      iv. jifridna

   d. L-espressjoni idjomatika **ħiereġ fil-beraħ** fis-sentenza: "Dak li rajna ħiereġ fil-beraħ kien li ħafna jridu jaraw biss il-qawsalla umana b'mod artifiċjali skont ma jaqbel lilhom u lill-preġudizzji tagħhom." (par. 8) tfisser:
      i. b'mod evidenti
      ii. jsib il-libertà
      iii. jiskappa
      iv. jitfaċċa għall-ewwel darba

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

3. Ikteb taqsira ta' bejn **80 u 90 kelma** fuq kif l-arti min-natura tagħha ma tistax tħalli kollox kif sabitu, skont ma jissemma fis-silta. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna singular. (5)

4. L-awtur juri li l-arti taf tiskomoda jew tisfida lil min ikun fil-poter jew f'qagħda privileġġjata. Mis-silta sib **ŻEWĠ** modi użati minn min ikun fis-setgħa biex jipprova jżomm l-arti taħt kontroll. (3)

5. Skont l-awtur, "l-interpretazzjoni nnifisha għandha rwol importanti fil-qawsalla ta' dak li jagħmel l-arti" (par.5). Sib **ŻEWĠ** eżempji mis-silta li juru kemm l-interpretazzjoni tista' tkun problematika u għid għala, fil-fehma tiegħek, l-arti u l-interpretazzjoni ma jistgħux jinfirdu minn xulxin. (3)

6. F'paragrafu 5 l-awtur jirreferi għal dak li qal Croce bħala "ċajta serja". Għid x'jifhem biha fid-dawl ta' dan l-artiklu u agħti r-raġunijiet tiegħek. (3)

(Total: 20 marka)

TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.

1. L-elementi li jsawru l-ilsien Malti ma jaħdmux b'mod separat imma jintegraw flimkien b'mod armonjuż. Iddiskuti kif dan iseħħ fuq il-livell morfoloġiku u saħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

JEW

2. Agħti ħjiel tal-istorja tal-ilsien Malti u kif din tirrifletti dak li għaddew minnu l-gżejjer Maltin tul medda ta' aktar minn elf sena. Ġib eżempji adattati biex tiċċara aħjar il-fażijiet differenti li l-Malti għadda minnhom.

(Total: 20 marka)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2025

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	II
DATA:	1 ta' Settembru 2025
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m.

LETTERATURA (A)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* ta' Oliver Friggieri l-kuluri sikwit huma attribwiti lil kunċetti astratti jew oġġetti li fil-ħajja ta' kuljum ma nassoċjawhomx magħhom. Iddiskuti x'effetti jħalli dan it-tlaqqigħ fi xbihat bħal "siegħa sewda" u "ħolma bajda", fost l-oħrajn.

JEW

2. Il-poeżiji ta' Oliver Friggieri jesploraw kwistjonijiet li huma relevanti għal ħafna minna u li jirriflettu fuq ċirkostanzi jew dilemmi universali. Iddiskuti kif jidher dan fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*.

(Total: 20 marka)

TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Il-poeżiji ta' Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna* huma kkaratterizzati minn mumenti ta' armonija u mumenti ta' kunflitt fir-relazzjonijiet mal-oħrajn. Iddiskuti.

JEW

2. L-esperjenza materna qiegħda fil-qalba ta' wħud mill-poeżiji ta' Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna*. Iddiskuti l-perspettivi differenti li minnhom hi ppreżentata.

(Total: 20 marka)

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA

Agħżel silta WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.

F'dan it-taħriġ tagħmilx sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b'liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.

(i)

Is-sena elfejn u tletin. Biex inkun preciż kien is-sajf. Sajf li qatt ma rajt bħalu f'Malta. Is-sħana ma kinitx tipika. Temperaturi fuq il-ħamsin grad. Xjuħ u trabi jmutu wieħed f'wieħed donnhom frak taċ-ċana għand mastrudaxxa. Kelli wieħed u għoxrin sena dak iż-żmien. Kont għadni kif lestejt l-ewwel baċellerat fil-filosofija u ma kellix idea x'se nagħmel bih. Missieri kellu ħanut taż-żebgħa u staqsieni jekk irridx naħdem miegħu. Għedtlu nixtieq insib xogħol b'aktar sugu. Imma ma kontx naf xiex. It-taħwid f'moħħi qatt ma naqas. Ma kontx minn dawk it-tfal li ta' ħames snin ikunu jafu xi jridu jsiru la jikbru. Jien ġej minn raħal żgħir u kwiet fejn anke tarbija fl-utru tkun taf x'inhu għaddej għand il-ġirien meta tittawwal mill-persjani t'għajnejn ommha. Irnexxieli nsib xogħol fil-ħanut tat-te ġewwa l-pjazza. Xogħol bis-sugu, bla dubju!

Il-ħanut ma kienx wisq 'il bogħod mid-dar. Kull filgħodu, mas-sitta bumm, kont inkun bilqiegħda fuq il-bank ħadrani tal-injam faċċata tal-ħanut, nistenna lis-sid, Dione, li kellu ħin Ingliż. Kif jasal, dejjem b'pass qabbieżi, kien jagħmel ftit minuti jipprova kull ċavetta mill-mazz daqs dinja li kellu sakemm isib it-tajba u b'rogħda u żewġ dagħwiet idawwar u jiftaħ. Darba ssuġġerejtlu jagħmel keychain biex jagħrafha. Maż-żewg dagħwiet żied tmienja oħra u qalli biex ma nindaħalx. Stramb dan Dione imma mhux kiesaħ. L-ewwel biċċa xogħol kienet li nniżżel il-banketti u s-siġġijiet minn fuq l-imwejjed u ntihom mesħa ħafifa. L-imwejjed kienu partikulari għax nimsaħ kemm nimsaħ kienu jibqgħu jwaħħlu. Kif illesti, kafè ta' malajr u jibdew ġejjin l-istess erbgħa min-nies bl-istess rutina. L-ewwel: Godfrey, ħaddiem tat-tarzna, te bil-ħalib u tnejn zokkor, *L-Orizzont* taħt abtu, iħabbar l-aħbarijiet u jitkaża hekk kif jaqrahom; Chris u Bertu: aħwa kaħħala, it-tnejn kafè iswed b'waħda zokkor, mhux tewmin imma donnhom mera ta' xulxin; Alison, Mary u Shakira: Alison u Mary jaħdmu l-bank waqt li Shakira tagħmel id-dwiefer, kollha tejiet biz-zokkor. Kulħadd ipoġġi mal-istess mejda fl-istess pożizzjoni bl-istess ordni. Imma l-iktar li kien jinteressani kien raġel li kien jiġi f'nofsinhar u jitlaq fit-tlieta ta' waranofsinhar bi preċiżjoni matematika. Dak il-ħin il-ħanut kien ikun baħħ u Dione kien imur id-dar jiekol u jieħu nagħsa. Qatt ma kont raju qabel lil dan ir-raġel u wara dak is-sajf qatt ma rġajt rajtu.

(Mix-xogħol ta' Keith Borg, "Inkontru" fl-antoloġija *Il-Parabboli tal-Imġienen)*

JEW

(ii)

Darba waħda tfaċċat Gracey fil-ħanut. Mitlufa. Imgerfxa. Mhux f'lokha. Hawnhekk ta' Bice u Bonnie? Tfaċċat mix-xejn. B'libsa tkanġi fl-aħmar. Imxattra. Antika. Imdendla. Merħija. Mhumiex hawn. Imma hawnhekk ta' Bice u Bonnie Sinjura ħi? Nista' naqdik f'xi ħaġa? Tfattret bilqiegħda u talbitha biex tipprova ż-żarbun l-iswed ta' ġol-vetrina. Liema wieħed? Dak taċ-ċinga fuq wara! Għandu fossa daqs teabag fil-ġenb. Kien żarbun li ma kienx ilu wisq fil-vetrina. Ħadd ma kien għadu xtara bħalu. Skont Helen, il-fossa kienet wisq arroganti. X'size? Thirty-eight. Helen ġabitilha par il-qies tagħha u Gracey, wara li flietu sewwa u tbissmitlu ftit ukoll, libsitu biex tara kif joqogħdilha. M'għandekx aħmar hux bħal dan? Le. Ili għomor ma nixtri minn hawn. Puliti u diċenti ż-żraben ta' Bice u Bonnie imma bla kulur. Sinjura, Gracey jiena ... u int? Miss u Miss Higgins m'għadhomx jinżlu ta' spiss. Se tieħdu? Tgħid?! Imma jmur hux ma' dil-libsa?! Konna nkunu flimkien. Insomma flimkien. Mhux eżatt flimkien. Qatt ma kienu tal-qatgħa tagħna. Imma konna nkunu fl-istess ħwienet. Se tieħdu? Kemm? Ħamsa u għoxrin lira. Kif? Helen kienet diġà bdiet timsħu biex tpoġġih lura fil-kaxxa. Se nieħdu ta. Ara, hux hekk? Ħadet il-flus filwaqt li fliet wiċċha sewwa. Poġġiet il-flus taħt il-flus l-oħra fil-cash register. Qatt ma kienet ratha. Sewwa Sinjura? Iv'iva. Ħarġet basket tal-plastik u tefgħet il-kaxxa fih. Tathulha f'idha. Gracey tal-Morning Star, għidilhom. Ta' Triq l-Ajkla jien, għidilhom.

Nofstanhar damet ittella' u tniżżel iċċempilx lil Miss u Miss Higgins. Ma ċemplitx. Hi u tagħlaq ix-shutter fis-siegħa nieqes ftit, stħajlet libsa ħamra bħal ta' Gracey iddur mal-kantuniera. Imma meta marret tara kinitx Gracey ma rat ebda libsa ħamra. Hi u miexja lejn id-dar dehrilha li ratha miexja ftit 'il bogħod minnha. Imma baxxiet rasha u ma tatx wisq kasha. Id-dar ippruvat ma taħsibx wisq.

Fin-nofstanhar ta' filgħaxija, minkejja li baqgħet ittella' u tniżżel kellhiex iċċempel lil Miss u Miss Higgins u tistaqsihom fuq Gracey, il-klijenti ma ħallewhiex. Għax ġiet Mrs Camenzuli li għandha bunion biex tixtri żarbun ċatt; ġiet Miss Cacciattolo li għandha l-artrite biex tixtri żarbun ċatt; u Miss u Miss Wain li xtraw żarbun bit-takkuna għal tieġ il-Ħadd filgħodu. Ġiet Ms Testa, it-tifla tat-Tabib Testa, li xtrat wieħed ċatt u ieħor bit-takkuna u ġew l-aħwa Montesin imma ma xtraw xejn. Xħin saru s-sebgħa neqsin għoxrin, Helen bdiet tgħodd il-flus u tniżżel iż-żraben li biegħet fuq ktejjeb ċkejken. Kien hemm ħamsa u għoxrin lira inqas u minflokhom kien hemm ħamsa u għoxrin lira sterlina. Xi ħadd kien ingannaha. Taha flus ħżiena.

(Mix-xogħol ta' Clare Azzopardi, "Gracey" fl-antoloġija *Kulħadd Ħalla Isem Warajh)*

(Total: 20 marka)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2025

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	III
DATA:	2 ta' Settembru 2025
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m.

LETTERATURA (B)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

TAQSIMA A: IR-RUMANZ

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Il-ġrajja traġika ċentrali ta' *Ħelsien* isseħħ minħabba elementi ta' ambizzjoni u għira. Iddiskuti din l-istqarrija b'referenza għas-sitwazzjonijiet, il-karattri, u n-nisġa sħiħa tar-rumanz.

JEW

2. L-imħabba f'*Ħelsien* tieħu xejriet diversi skont il-karattri u l-ġrajjiet. Uri b'eżempji kif dan imexxi l-ġrajja u d-destin tal-karattri fir-rumanz.

(Total: 20 marka)

TAQSIMA B: IN-NOVELLI

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Il-qosor tan-novella jfisser li l-karattri ma jistgħux ikunu wisq dettaljati u l-ġrajja trid tinħall f'qasir żmien. Uri b'eżempji minn *Xemgħat* kif jiġu żviluppati l-istejjer u l-karattri u kif l-awtur jasal għall-għeluq tal-ġrajja.

JEW

2. Billi tagħżel żewġ novelli minn *Xemgħat*, analizza kif Trevor Żahra juża n-narrattiva fl-ewwel persuna sabiex joħloq rabta emozzjonali bejn il-qarrej u l-karattri. Kemm hi effettiva din it-teknika fil-kuntest tal-istejjer magħżula?

(Total: 20 marka)

TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Il-maskri u l-kostumi jistgħu jaħbu l-identità vera tal-karattru, imma jservu wkoll ta' ħarba minn realtà jew sitwazzjoni. Iddiskuti din l-istqarrija b'eżempji skont l-iżvilupp tad-dramm *Karnival*.

JEW

2. Id-dramm *Karnival* iħares lejn karattri u sitwazzjonijiet li jirriflettu realtà li tmur lil hinn mill-kuntest Malti u storiku. Uri kif Francis Ebejer jirnexxilu jittrażmetti esperjenzi jew kunflitti li jistgħu jidhru familjari għal udjenzi diversi fi żminijiet u postijiet differenti?

(Total: 20 marka)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.